I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-19 ta' Ottubru 2018**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank**

**(BĊE/2018/25)**

(2018/C 394/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIVE TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' De Nederlandsche Bank, Deloitte Accountants B.V., jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2018. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2019.

(3) De Nederlandsche Bank għażel lil KPMG Accountants N.V. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2019 sa 2022, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż fuq bażi annwali sas-sena finanzjarja 2025,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li KPMG Accountants N.V. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2019 sa 2022, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż fuq bażi annwali sas-sena finanzjarja 2025.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Ottubru 2018.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI